## GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

### SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA, 30 TA' JANNAR, 2001

*Avviz. Nru 1470/00 AJD*

Maltacom p.l.c.

vs

Anthony Marquette

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Settembru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tlieta u erbghin liri Malrtin u erbgha u sittin centezmu (Lm143.64) liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni man-numru tat-telefon 223031 (c/n 202395) (Dok. A), u liema servizz gie provdut u nstallat mis-socjeta' attrici fuq ir-rikjesta tal-konvenut fil-fond Modern Store, 56, Marsa Road, Marsa u dan askond il-ftehim milhuq bejn il-partijiet (Dok. B).
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Novembru, 1999, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali msemmija sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Jean Pierre Scerri li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tlieta u erbghin liri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm143.64) bl-imghaxijiet legali mil-25 ta' Novembru, 1999, sal-pagament effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR